**377. Il-Prim Ministru u Ministru tal-Intern, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-SedutaNru 546 tas-26 ta' Ottubru, 1981 il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment ta' bini u art madwaru magħruf bħala Ariel House, Kappara, San Ġwann lill-Gvern tal-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi

U billi l-istess Gvern talab li l-istess kuntratt approvat mill-Kamra tad-Deputati jiġi modifikat kif jirriżulta aħjar mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasfertita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-Trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi li jimmodifika l-kuntratt oriġinali diġà mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati jiġi approvat.

13.02.1987